MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 255/2013

**Ruth Spiteri**

**Vs**

**Mark Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-20 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn hames mija tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin ċenteżmi ta' euro [€2,552.48c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat, minn dana l-Onorabbli Tribunal, ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn hames mija tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2,552.48) piu imghax legali rapprezentanti bilanc dovut minnek ta' awment tal-manteniment skond l-gholi tal-hajja tat-tfal Denzil, Brendon, Dunsten u Lydon

minn April 2003 sa Frar 2013 ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejnietkom datat 10 ta' April 2003 in atti Nutar Dr. Sandra Valentino.

Illi nonostante nterpellat ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali dana baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-23 ta' Mejju, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi preliminarjament qed jigi eccepit in-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attrici fil-proceduri odjerni stante li skont il-kuntratt ta' separazzjoni datat l-10 ta' April 2003 il-manteniment huwa dovut lil Denzil, Brendon, Dunsten u Lydon ahwa Pisani u mhux lilha personalment;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija estinta ai termini tal-Artikolu 1145 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li r-rikorrent hallas l-ammont pretiz tul is-snin u m'hemm l-ebda pendenza versu uliedhom;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk, dato ma non concesso li hemm xi manteniment dovut, dan ghandu jirreferi biss ghal dak l-ammont li mhux preskritt u mhux ghall-perjodu mid-data tal-kuntratt de quo;

Illi fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz mill-attrici huwa eccessiv u mhux gustifikat;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri";

Ra l-verbal datat 15 ta' Lulju, 2013 fejn Dottor Leonard Caruana ghall-intimat irtira l-ewwel eċċezzjoni fir-risposta ta' l-intimat ghal din it-Talba;

Ra l-verbal tal-15 ta' Ottubru, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti, inkluż id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €2,552.48c u dan bhala awment tal-manteniment skond l-gholi tal-hajja ta' uliedhom u dan ghal perjodu April 2003 sa Frar 2013 ai termini tal-kuntratt ta' firda datata 10 ta' April 2003 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino. L-intimat laqgha ghal din it-talba billi qal li l-azzjoni odjerna hija estinta ai termini tal-artikolu 1145 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huwa hallas l-ammont pretiz tul is-snin u li ma hemm l-ebda pendenza versu uliedhom, li l-azzjoni odjerna jew parti minnha hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li f'kull kaz, l-ammont pretiz mir-rikorrenti huwa eċċessiv u mhux ġustifikat[1].

Ikkunsidra;

2. Mill-atti tal-kawza jirrizulta s-segwenti:

i. Il-partijiet ghandhom erbat it-tfal, u cioe Denzil, Brendon, Dunsten u Lydon.

ii. Li l-partijiet kienu nfirdu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino ta' l-10 ta' April, 2003 (fol. 11 et seq.). It-Tribunal jirrileva li mhux il-kuntratt kollu gie esebit izda parti minnu.

iii. Skond il-klawsola numru sitta (6) tal-kuntratt ta' firda inghad li:

[1] L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat ġiet irtirata minnu u dan skond ma jirrizulta mill-verbal datat 15 ta' Lulju, 2013.

"*6. Il-partijiet jaqblu u l-komparenti ragel jobbliga ruhu li jhallas lill-komparenti mara s-somma ta' tmenin liri Maltin (Lm80) fix-xahar pagabbli bil-quddiem bhala manteniment ghat-tfal minuri fuq imsemmija, ossia ghoxrin lira (Lm20) ghall-kull wild. Dan il-manteniment ghandu jigi rivedut kull sena u joghla skond l-indici tal-hajja hekk kif regolat mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Gvern tali revizjoni ssir awtomatikament minghajr il-htiega ta' procedimenti gudizzjarji. Il-manteniment stabbilit f'din il-klawsola ghandu jonqos pro rata mal-otteniment tal-maggior eta, ossia it-tmintax (18) il-sena, ta' kull wild*" (fol. 12-13).

iv. Skond il-klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' firda inghad li:

"*7. Il-partijiet jaqblu illi l-ispejjes medici u edukattivi ordinarji tat-tfal minuri fuq imsemmija jkunu a karigu tar-ragel, filwaqt li dawk straordinarji jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet*" (fol. 13).

v. U Skond il-klawsola numru tmienja (8) tal-kuntratt ta' firda inghad li:

"*8. Il-partijiet jaqblu illi l-effetti tad-Digriet tal-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili bejn il-partijiet ghandhom jigu nkorporati u jiffurmaw parti minn dan il-kuntratt, kwantu ghal dik il-parti tad-Digriet li tirrigwarda l-hlas tal-manteniment dovut ghat-tfal*[2]" (fol. 13).

vi. **Silvana Debono**, *statistician* fir-*retail and price statistics* fi hdan in-National Statistics Office esebiet dokument SD 1 (fol. 26) li fih juri r-rati ta' inflazzjoni mis-sena 1947 lil hawn. Dak li jinteressa lil din it-Talba odjerna huma dawk mill-2004 lil hawn. Dawn iz-zidiet huma:

| Sena | Rata ta' inflazzjoni | Ammont ta' manteniment dovut | Ammont ta' mant[e…] dovut f'LM wara |
|---|---|---|---|

[2] Kopja ta' dan id-digriet jew x'kien jghid dan id-digriet ghar-rigward tal-manteniment tat-tfal baqa qatt ma gie esebit mill-partijiet.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | f'Euro wara z-zieda skond l-indici tal-gholi tal-hajja | skond l-indici tal-g hajja sakemm dal sehh il-munita Eu ta' Jannar, 2008 |
| | | | |
| 2003 | 646.84 | €186.35 | Lm80[3] |
| 2004 | 664.88 | €191.55 | Lm82.23 |
| 2005 | 684.88 | €197.31 | Lm84.71 |
| 2006 | 703.88 | €202.78 | Lm87.05 |
| 2007 | 712.68 | €205.32 | Lm88.14 |
| 2008 | 743.05 | €214.07 | |
| 2009 | 758.58 | €218.54 | |
| 2010 | 770.07 | €221.85 | |
| 2011 | 791.02 | €227.89 | |
| 2012 sa Gunju | 810.16 | €233.40 | |
| 2012 sa Dicembru (3 it-tfal[4]) | | €175.05 | |
| 2013 (sa Frar) | Ma hemmx rata sal-lum[5] | €175.05[6] | |
| | | | |

vii. Skond nota pprezentata mill-intimat fit-28 ta' Gunju, 2013, huwa esebixxa rendikont tal-pagamenti maghmula minnu lir-rikorrenti u l-mod kif sar il-hlas lilha. Skond l-intimat, "*minn dan il-prospett jirrizulta illi Mark Pisani hallas is-somma ta' €2,517.87 aktar minn dak dovut skont il-kuntratt ta' separazzjoni sopra msemmi, liema prospett qieghed jigi hawn anness u mmarkat dok. B*" (fol. 20).

[3] Din kienet is-sena li fiha gie ppubblikat il-kuntratt ta' firda u allura ma kien hemm l-ebda żieda li kellha tapplika.

[4] Peress li Denzil ghalaq it-18-il sena fil-11 ta' Gunju, 2012 u ghalhekk l-ammont pagabbli ta' €233.40 jekk jiġi diviż bejn 4 (in-numru tat-tfal) jiġi €58.35 multiplikat bi tlieta (l-ammont ta' tfal taht it-18-il sena) jiġi €175.05.

[5] Din ġeneralment tkun maghrufa f'Mejju tas-sena ta' wara.

[6] Ghal finijiet ta' din il-kawza, t-Tribunal sejjer ihalli l-ammont bhal ma kien ghas-sena 2012 u cioe ta' €58.35 ghal kull wild li ghadu taht it-18-il sena.

viii. **Ir-rikorrenti**, fix-xhieda moghtija minnha fil-15 ta’ Lulju, 2013 qalet hekk, b’referenza ghall-eta ta’ ulied il-kontendenti:

a. Denzil ghandu dsatax (19)-il sena. (Skond certifikat esebit mill-intimat fl-24 ta’ Lulju, 2013, l-imsemmi Denzil twieled fil-11 ta’ Gunju, 1994 u ghalhekk ghalaq tmintax (18) fil-11 ta’ Gunju, 2012;
b. Dunsten u Brandon ser jaghlqu tmintax (18) f’Settembru, 2013;
c. Lydon ghandu tlettax (13).

It-tlett it-tfal kbar jahdmu.

ix. **Ir-rikorrenti** xehdet fis-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2013. Mix-xhieda taghha, t-Tribunal jislet is-segwenti punti:

Hija kienet iffirmat kuntratt ta’ firda konsenswali ma zewgha fl-10 ta’ April, 2003 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino.

Skond dan il-kuntratt, filwaqt li hija nghatat il-kura u l-kustodja tal-minuri ahwa Pisani, zewgha l-intimat kien intrabat li jhallas is-somma ta’ Lm20 pari ghal €46.59 ghal kull wild fix-xahar, b’kollox Lm80 pari ghal €186.35 fix-xahar.

Dan il-manteniment kellu jigi rivedut kull sena skond l-indici tal-hajja hekk kif regolat mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Gvern.

Sa minn meta kien hemm il-konverzjoni mill-lira Maltija ghall-ewro, tghid ir-rikorrenti, hija dejjem baqghet tircievi s-somma ta’ Lm80 fix-xahar ghall-erbat it-tfal. B’hekk tghid ir-rikorrenti, hija ma hadet l-ebda gholi tal-hajja skont ma hemm fil-kuntratt. Meta kien hemm il-konverzjoni mill-munita Maltija ghall euro, tghid ir-rikorrenti, “*... l-intimat imbaghad beda jtini mitejn euro (€200) fix-xahar*” (fol. 27).

Hija esebiet statement tal-kont taghha li fihom hemm indikati l-ammonti li hija irceviet minghand l-intimat mis-27

ta' Awwissu, 2011 sas-27 ta' Mejju, 2013 (Dok. RS 1 sa RS 3 a fol. 29 et seq)[7]. Min dawn l-istatements jirrizulta s-segwenti:

| Data | Ammont li r-rikorrenti irceviet fil-kont bankarju taghha | Manteniment | Spejjez ta' Edukazzjoni u Sahha |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 27.08.2011 | €206 | €200 | €6 |
| 27.09.2011 | €250 | €200 | €50 |
| 27.10.2011 | €350 | €200 | €150 |
| 26.11.2011 | €210 | €200 | €10 |
| 23.12.2011 | €200 | €200 | €0 |
| 27.01.2012 | €200 | €200 | €0 |
| 27.02.2012 | €200 | €200 | €0 |
| 27.03.2012 | €200 | €200 | €0 |
| 27.04.2012 | €260 | €200 | €60 |
| 26.05.2012 | €200 | €200 | €0 |

[7] Kif diġà inghad it-Tribunal sejjer jieqaf sa Frar, 2013 u cioe d-data indikata fit-Talba promotrici u sejjer jahdem bl-ammont ta' €58.35c u cioe r-rata ta' manteniment ghal kull minuri fix-xahar minghajr ma dan l-ammont gie aġġustat ghas-sena 2013 peress li r-rata ghadha mhux mahduma uffiċjalment.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 27.06.2012 | €200 | €200 | €0 |
| 27.07.2012 | €230 | €230 | €0 |
| 27.08.2012 | €230 | €230 | €0 |
| 27.09.2012 | €355 | €230 | €125 |
| 27.10.2012 | €230 | €230 | €0 |
| 27.11.2012 | €255 | €230 | €25 |
| 22.12.2012 | €255 | €230 | €25 |
| 26.01.2013 | €295 | €230 | €65 |
| 27.02.2013 | €306.16 | €230 | €76 |

Tghid li l-ammonti li rceviet minghand l-intimat huma mmarkati bil-*highlighter*. L-ewwel €200 huma l-manteniment dovut filwaqt li kumplament huma spejjez edukattivi jew spejjez ohra relatati ma' l-iskola. Tghid li kull fejn kien hemm spejjez ta' l-iskola, hija tkun taght ricevuta taghhom lill-intimat. L-istess haga tkun ghamlet ghall-ispejjez l-ohra.

Ir-rikorrenti stqarret ukoll li hija ma ghandhiex *records* qabel Awwissu, 2011. Tkompli tghid li kien hemm xi zmien fejn l-intimat kien ihallasha fi flus kontanti jew inkella permezz ta' cekk.

Ricevuta ghall-hlas li hija tkun irceviet, qatt ma taght lill-intimat.

Kien hemm xi okkazzjonijiet fejn l-intimat ikun hasiblu fil-pagamenti fis-sens "*... illi kien itini xi flus on account ghal quddiem*" (fol. 27). Tghid li meta mbaghad dan l-ammont *on account* jitla mhux hazin, hija kienet tuzah ghall-ispejjez ta' l-iskola. Ir-rikorrenti taghti ezempju ta' dan.

"*Jekk ghas-sahha tal-argument huwa kien itini tant fix-xahar li mbaghad qabel ma tibda l-iskola kien ikolli per ezempju s-somma ta' hames mitt ewro (€500) u jiena kont nonfoq erbgha mija (400) jiena mbaghad kont nirritornalu l-mitt ewro lura (€100)*" (fol. 28). Lanqas l-intimat, tkompli tghid ir-rikorrenti ma qatt ta ricevuta tal-flejjes li hija kienet tirritornalu. Dan l-arrangament bejniethom kien isir peress li "*... meta gieli kont nitolbu jiena biex ihallas l-ispejjez tal-iskola huwa kien jghidli li mhux dejjem kien ikollu u allura kont nispicca nohrog il-flus jien u nara kif nghaddi, ghalhekk huwa kien jibda jtini ftit ftit fix-xahar sabiex imbaghad kont insibhom lesti*" (fol. 28).

B'referenza ghad-dokument immarkat bl-ittra "A" imressaq mill-intimat, ir-rikorrenti qalet li hi ma taqbilx ma dak li inghad f'dan id-dokument hlief li "*... naqbel mal-ammonti li hemm indikati mill-hmistax (15) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) il-quddiem*" (fol. 28).

x. **Audrey Ghigo**, rapprezentanta ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. xehdet fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2013 u esebiet *cheque images* mahrugin mill-intimat. Is-segwenti huma l-kopji tac-*cheque images*.

| | |
|---|---|
| 30/11/2007 | Lm100 pari ghal €232.94 |
| 24/12/2007 | Lm100 pari ghal €232.94 |
| 27/01/2008 | €200 |
| 01/03/2008 | €200 |
| 27/03/2008 | €210 |
| 27/04/2008 | €200 |
| 29/05/2008 | €200 |
| 27/06/2008 | €200 |
| 27/07/2008 | €300 |
| 27/08/2008 | €500 |
| 26/09/2008 | €385 |
| 27/10/2008 | €400 |
| 27/11/2008 | €400 |
| 24/12/2008 | €380 |

| | |
|---|---|
| 27/01/2009 | €200 |
| 27/02/2009 | €226 |
| 27/03/2009 | €215 |
| 27/04/2009 | €230 |
| 29/05/2009 | €250 |
| 27/06/2009 | €233 |
| 27/07/2009 | €500 |
| 27/08/2009 | €400 |
| 27/09/2009 | €200 |
| 27/10/2009 | €370 |
| 27/11/2009 | €200 |
| 27/03/2010 | €220 |
| 27/04/2010 | €200 |
| 27/05/2010 | €280 |

xi. **L-intimat** xehed fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2013 u ghal mistoqsija maghmula mit-Tribunal jekk huwa qatx ta l-gholi tal-hajja lir-rikorrenti skond ma hemm imnizzel fil-kuntratt ta' firda taghhom, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li dan huwa ikkonfermat mill-fatt li huwa kull sena jkun hallas ferm iktar mill-ammont minnu dovut skond l-imsemmi kuntratt. Qal li apparti dawn il-flejjes li kien jghaddi lir-rikorrenti, kien hemm diversi oggetti ohra li kien jixtri huwa direttament. Ghar-rigward ta' l-ircevuti, huwa jghid li "*l-ircevuti qeghdin ghandi mhux ghax kienet ittihomli marti izda ghax kont immur nixtri jiena*" (fol. 136). Zied ighid pero li "*... r-rikorrenti gieli taghtni xi ricevuti pero l-ircevuti li kienet ittini jiena spiccajt armejthom*" (fol. 136). Cahad li martu r-rikorrenti kienet tghaddilu xi flejjes minn dak li kien jibqa zejjed u "*... mil-ftit li kien jifdal jiena kont nghidilha zzommhom*" (fol. 136). In kontro-ezami, l-intimat qal li l-parti l-kbira mill-ammont imhallas kien ikun ghall-manteniment u l-kumplament huma ghall-ispejjez. Fil-15 ta' Ottubru, 2013 tkompla l-kontro-ezami tieghu. Spjega illi meta huwa semma li kien hallas is-somma ta' €50.55c izjed milli suppost ghal medicini, dan l-ammont ikun hallsu ghalih, apparti l-manteniment. Jaghlaq billi jghid li "*... mitejn ewro (€200) dejjem ikunu l-manteniment skont il-kuntratt ta' firda u l-bilanc ikun ammont izjed kif diga*

*spjegajt. Dawn l-ammonti jmorru ghall-edukazzjoni u ghas-sahha*" (fol. 148).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat kif diġà rajna ġiet irtirata minnu u dan skond ma jirrizulta mill-verbal datat 15 ta' Lulju, 2013. Ghalhekk it-tribunal mhux ser jiehu konjizzjoni taghha.

4. It-tieni eċċezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni odjerna hija estinta ai termini tal-artikolu 1145 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-intimat hallas l-ammont pretiz tul is-snin u m'hemm l-ebda pendenza versu uliedhom. Dan l-artikolu tal-Ligi jaqra hekk:

***1145.*** *Barra mill-effetti tal-kondizzjoni riżoluttiva, u mill-effetti tal-preskrizzjoni, l-obbligazzjonijiet jispiċċaw:*

*(a) bil-ħlas;*
*(b) bin-novazzjoni;*
*(ċ) bil-maħfra tad-dejn;*
*(d) bit-tpaċija;*
*(e) bil-konfużjoni;*
*(f) bit-telfa tal-ħaġa;*
*(g) bir-rexxissjoni*.

Ghalhekk l-intimat qieghed jaghmel referenza ghall-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu tal-Ligi.

5. Fil-kawza fl-ismijiet **Gaetana Mamo vs Therese sive Tessie Mercieca et** deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 26 ta' Ottubru, 2005 per Imhallef Philip Sciberras inghad li:

"*In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f' kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b' mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara* ***Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier***[8] *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal- fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l- attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha*";

6. Fil-kawza fl-ismjiet "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**" deciza fis-27 ta' Mejju 1970 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran inghad li:-

*"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura ta' l-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l- oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l- ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur, l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante, reus absolvitur'. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-*

[8] Kollez. Vol. XLVI/i/5

*principju l-iehor "reus in exipiendo fit actor" ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f' kull kaz ta' kunflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l- Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

7. Dan iwassal ghal konsiderazzjoni tal-prova gravanti fuq l-intimat tal-pagament li huwa jallega li ghamel. "*La prova del pagamento e` a peso del convenuto che lo allega*" (**Negoziante Michele Apap noe vs Giuseppe Grech**[9] deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju, 1885). Fi kliem iehor, l-intimat jehtieglu qabel xejn jipprova, b' mod konvincenti u konkluziv, illi huwa effettivament ghamel il-hlas taz-zieda fl-ammont ta' manteniment reklamat f'dawn il-proceduri. Jekk huwa ma jirnexxilux jaghmel din il-prova, l-effett estintiv ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1145, Kodici Civili) ma jistax jirnexxi. Ovvjament din id-deficjenza tirrikadi fuqu ghax fuqu kien jinkombi l-oneru tal-prova tal-pagament;

8. Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Desmond Mizzi *nomine* -vs- Patrick Filletti *proprio et nomine*** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2000 a bażi ta' l-insenjament ta' l-Imhallef Caruana Curran fis-sentenza precitata issuġġeriet li "*qari attent tieghu juri li hu aktar komplimentari ma' dak il-principji (il-prova tal-pagament inkombenti fuq id-debitur) u jestendi in fatti l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f' dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn mid-dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il- prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l- eccezzjoni tieghu, l-attur kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu. Jibqa' allura salv il-principju illi f' kaz ta' dubju jimmilita favur l-attur kreditur. F' kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont kienx dovut, dik il-prova kienet tispetta lill-attur li kien mistenni li jaghmel dik il-prova qabel ma l-konvenut jipproduci l-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjoni tal-pagament. Ghalkemm iz-*

[9] Kollez. Vol. X/826

*zewg proposizzjonijiet jidhru li huma z-zewg ucuh ta' l-istess medalja, id-differenza sottili fl- impostament ta' l-argoment tezisti*";

9. Fil-kawza fl-ismijiet **Emmanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et**[10] deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili per Imhallef A. Magri inghad li "l-pagament jista' jigi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant" (ara ukoll f'dan is-sens **Rosario Spiteri vs Michele Mifsud**[11] deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell);

10. Issa fil-kaz odjern, jirrizulta li l-intimat kien obbliga ruhhu li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €186.35 fix-xahar ghall-erbat ulied taghhom skond kuntratt ta' firda konsenswali fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino datat 10 ta' April, 2003. Dan l-ammont ta' manteniment kellhu jiżdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Mid-dokumenti esebiti u mix-xhieda taz-zewg partijiet jirrizulta li dwar l-ewwel erba' snin u cioe mill-2004 u l-2007 ma hemmx provi ghajr ghal żewġ ċekkijiet mahrugin mill-intimat u pagabbli lir-rikorrenti. Dawn huma datati 30 ta' Novembru, 2007 u iehor datat 24 ta' Dicembru, 2007 it-tnejn fl-ammont ta' Lm100 li fi flus tal-lum jekwivalu ghal €465.88. Diga rajna li fl-2007, l-ammont ta' manteniment kellu jkun, wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-gholi tal-hajja, fl-ammont ta' €205.32 jew Lm88.14c f'munita antika. Ghalhekk jirrizulta, almenu minn dawn iz-zewg pagamenti li l-intimat kien hallas iktar milli dak dovut minnu skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Ma hemmx provi dwar hlasijiet maghmulin mir-rikorrenti ghall-ispejjez edukattivi u mediċi ta' l-ahwa Pisani, jekk saru u allura t-Tribunal ma jistax jasal ghal konklużjoni li l-intimat ma hallas dak minnu dovut skond il-kuntratt. Anzi jasal ghal konklużjoni kontrarja in vista ta' dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti.

[10] Kollez. Vol. XLIII/ii/624
[11] Kollez. Vol. XXXVII/i/525

11. Nghaddu issa biex naraw is-snin l-ohra u cioe mill-1 ta' Jannar, 2008 sa Frar, 2013 l-ghaliex provi, ghalkemm xi ftit skarni, hemm u t-Tribunal jista jasal ghal konklużjoni ghar-rigward ta' din it-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat. Iz-zewg partijiet jaqblu li l-intimat kien jaghti s-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment mill-2008 lil hawn. L-intimat f'dan ir-rigward jghid fil-kontro-ezami tieghu tal-15 ta' Ottubru, 2013 li "*... mitejn ewro (€200) dejjem ikunu l-manteniment skont il-kuntratt ta' firda u l-bilanc ikun ammont izjed kif diga spjegajt. Dawn l-ammonti jmorru ghall-edukazzjoni u ghas-sahha*" (fol. 148). Ir-rikorrenti tghid l-istess haga, ghalkemm imbaghad fl-istatement tal-kont bankarju taghha hija tikteb bil-biro, fejn ikun hemm il-hlas tal-ammont mensili da parti ta' l-intimat il-kliem €230 manteniment. Dan l-ammont ta' manteniment u cioe €230 pero beda jithallas mis-27 ta' Lulju, 2012 lil hawn.

12. Mir-rendikont esebit mill-intimat stess a fol. 21 et seq, jirrizulta bic-car li huwa kien ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar bhala manteniment u dan mill-1 ta' Jannar, 2008 sat-30 ta' Gunju, 2012. Huwa minnu li hemm xi xhur fejn l-ammont imhallas mill-intimat huwa iżjed mill-ammont ta' €200 pero t-tribunal huwa konvint li din iz-zieda hija dovuta ghal ispejjeż edukattivi u mediċi ta' l-ahwa Pisani, liema spejjez l-intimat kien obbliga ruhhu li jhallas fl-intier taghha (ara klawsola numru sebgha (7) tal-kuntratt ta' firda datat 10 ta' April, 2003[12]).

13. Jekk nimxu fuq it-tabella fuq imsemmija dwar kemm kellu jkun il-hlas tal-manteniment miżjud skond l-indici tal-gholi tal-hajja insibu li:

| Perjodu | Ammont li suppost kellhu jithallas miżjud skond l-indici tal-gholi tal- | Ammont imhallas mill-intimat ta' €200 fix-xahar | Differenza bejn it-tieni u t-tielet kolonna |
|---|---|---|---|

[12] L-ispejjez straordinarji ta' l-edukazzjoni u mediċi kellhom jiġu sopportati b'mod ugwali bejn il-partijiet.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | hajja | | |
| | | | |
| 01.01.2008 – 31.12.2008 | €2568.84[13] | €2,400 | €168.84 |
| 01.01.2009 – 31.12.2009 | €2622.48[14] | €2,400 | €222.48 |
| 01.01.2010 – 31.12.2010 | €2662.20[15] | €2,400 | €262.20 |
| 01.01.2011 – 31.12.2011 | €2734.68[16] | €2,400 | €334.68 |
| 01.01.2012 – 31.05.2012[17] | €1,167[18] | €1,000 | €167 |

14. B'kollox ghalhekk, skond l-ahhar kolonna tat-tabella hawn fuq appena riportata jirrizulta mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti ghandha raġun tilmenta li l-intimat ma kienx qieghed ihallas dak minnu dovut bhala manteniment skond il-kuntratt ta' firda taghhom. L-ammont ta' differenza favur ir-rikorrenti sal-31 ta' Mejju, 2012 kellu jkun ta' €1,155.20c.

15. Rajna ukoll li iben il-kontendenti Denzel ghalaq it-18-il sena fil-11 ta' Gunju, 2012 u allura l-ammont ta' manteniment pagabbli fix-xahar mill-intimat kellhu jonqos ghal €175.05c[19]. Fis-27 ta' Gunju, 2012 ir-rikorrenti tghid li hallas is-somma ta' €210 li minnhom kien hemm l-ammont ta' €200 bhala manteniment u €10 bhala school outings (tergo fol. 35). Jigi allura li l-intimat hallas l-ammont ta' €24.95c żejda. Is-segwenti hija tabella ohra li turi l-hlasijiet maghmula mill-intimat skond ir-rikorrenti u dan hekk kif

[13] €214.07 fix-xahar;
[14] €218.54 fix-xahar;
[15] €221.85 fix-xahar;
[16] €227.89 fix-xahar;
[17] Dan peress li t-tifel tal-kontendenti Denzil kien ghalaq it-18-il sena fil-11 ta' Gunju, 2012 u skond ma stqarret ir-rikorrenti huwa kien jahdem u allura ma huwiex intitolat li jibqa jirċievi manteniment minghand missieru l-intimat skond il-kuntratt ta' firda datat 10 ta' April, 2003.
[18] €233.40 fix-xahar;
[19] €233.40c fix-xahar ghal erbat' it tfal. Mela kull wiehed mill-ulied tal-kontendenti kellhu jirċievi €58.35 fix-xahar. Peress li kien ghad fadal tlett it-tfal taht l-eta ta' 18-il sena, allura l-ammont jiġi €58.35 multiplikat bi tlieta (3) biex b'hekk jiġi l-ammont ta' €175.05c.

jirrizulta mill-istatement tal-kont bankarju taghha a fol. 29 et seq.

| Data ta' meta thallas l-ammont | Ammont Imhallas | Manteniment | Spejjez Edukattivi | Spejjez Medici | Spejjez Ohra | Ammo mante kemm suppos thallas |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| 27.07.2012 | €230 | €230 | €0 | €0 | €0 | €175.0 |
| 27.08.2012 | €230 | €230 | €0 | €0 | €0 | €175.0 |
| 27.09.2012 | €355 | €230 | €125 | €0 | €0 | €175.0 |
| 27.10.2012 | €230 | €230 | €0 | €0 | €0 | €175.0 |
| 27.11.2012 | €255 | €230 | €0 | €0 | €25 | €175.0 |
| 22.12.2012 | €255 | €230 | €0 | €0 | €25 | €175.0 |
| 26.01.2013 | €295 | €230 | €65 | €0 | €0 | €175.0 |
| 27.02.2013 | €306.16 | €230 | €51 | €0 | €25 | €175.0 |
| | | | | | | |

16. Skond din it-tabella, u l-hlas żejjed li kien sar f'Novembru u Dicembru 2007 u Gunju, 2012 jigi li l-intimat hallas manteniment iżjed milli suppost hallas skond il-kuntratt ta' firda datat 10 ta' April, 2003 fl-ammont ta' €519.81c[20].

17. Jekk allura mill-ammont ta' €1,155.20c li huwa l-ammont dovut lir-rikorrenti kif diġà rajna aktar il-fuq inaqqsu l-ammont ta' €519.81c imhallas żejjed mill-intimat

[20] €54.95 x 8 + €55.25 (Lm11.86 [€27.63] ghax-xahar ta' Novembru, 2007 u Lm11.86 [€27.63] ghax-xahar ta' Dicembru, 2007) + €24.95 = €464.55

jiġi li r-rikorrenti ghandha tiehu minghand l-intimat is-somma ta’ €635.39c. Ghalhekk it-tieni eċċezzjoni ta’ l-intimat qeghda tiġi michuda.

18. Kif diġà rajna, qabel Novembru 2007 ma hemmx provi biżżejjed sabiex it-Tribunal jkun jista jasal ghal konklużjoni jekk thallas l-ammont ta’ manteniment miżjud skond l-indici ta’ l-gholi tal-hajja u ghalhekk, fil-mankanza ta’ provi konvinċenti, sejjer jichad din il-parti tat-talba tar-rikorrenti.

19. It-tielet eċċezzjoni tal-intimat hija li l-ammont dovut ghall-ewwel hames snin huwa perent a tenur ta’ l-artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

***2156.*** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ ħames snin:*

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta’ pensjoni għall-manteniment;*

20. Jibda biex jinghad li r-regoli tal-preskrizzjoni minhabba n-natura taghhom u l-effett li jgibu maghhom fuq l-azzjoni attrici, ghandhom jinghataw tifsira ristretta u ma jitwessghux b’analogija jew implikazzjoni (Ara **Noel Ellul noe vs Francis Vella noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-8 ta’ Mejju, 2001). Ghalhekk, jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjenti. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu;

21. Imbaghad, f’kaz fejn iz-zmien jigi ppruvat, il-piz tal-prova li dak iz-zmien gie miksur jaqa fuq il-parti attrici (Ara **Micallef vs Belle McCance** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ Mejju, 1952 u **Emanuel Pace vs Fredu Fenech**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) fl-20 ta’ Marzu, 1978).

22. Abbinat mal-kwistjoni tal-preskrizzjoni, hemm ukoll ir-raba eccezzjoni li tghid li fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz mill-attrici huwa eccessiv u mhux gustifikat.

23. Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998 bl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze vs Emanuel u Doris Rizzo** – fejn l-eccezzjoni f'dik il-kawza kienet "*sussidjarjament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, l-ammont mitlub huwa ezagerat*" – l-istess Qorti kkunsidrat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni segwita b'eccezzjoni fejn qed jigi kkontestat il-quantum tal-ammont mitlub, bhala insostenibbli fil-ligi. Dik l-Onorabbli Qorti qalet illi "... *l-insenjament li hareg kien dejjem fis-sens li, salv xi sfumaturi partikolari minn kaz ghal iehor, id-debitur illi ammetta li ghandu jghati lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bhala ezata s-somma pretiza, jigi li jirrinunzja tacitament ghal preskrizzjoni*".

24. Dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) kompliet tghid hekk:

"*Illi minn ezami ta' l-eccezzjonijiet issollevati mill-konvenuti (fol. 5 tal-process), il-konvenuti appellati cahdu dejnhom <u>biss</u> in vista tal-preskrizzjoni ghaliex in subsidium, ankorke bla pregudizzju, eccepew ukoll li:*

*'fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub huwa esagerat';*

*Dan jimplika li <u>fil-meritu</u> huma kkontestaw il-quantum se mai dovut. L-awtorevoli Troplong (ara prescrizione no. 67, Aubry et Rau VIII para. 776) jghallew mhekk:*

*'Vi ha rununzia tacita all prescrizione quando il debitore, sena negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma'*

*L-Ewwel Qorti semmiet il-fatt li provi li jistghu jwaqqghu l-perkors tal-preskrizzjoni ma ngibux quddiemha imma hu*

*stabbilit u notorju l-fatt li meta d-debitur jallega li huwa m'ghandux jaghti daqskemm il-kreditur jippretendi minghandu, ikun ifisser li huwa rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni (hekk ara l-Appell Civili,* ***G. Demarco vs G. Aquilina****, ta' l-10 ta' Gunju, 1946). Allura u konsegwentement ikun ifisser illi:*

*'la detta prescrizione opposta dal convenuto deve ritenersi inefficace altese la rinuncia fattavi (ara decizjoni tal-prim' Awla fil-kawza* ***Carbun vs Bezzina*** *tad-29 ta' Jannar, 1897);*

*Fi kliem iehor, ir-rinunzja f'dan il-kaz tista tkun espressa jew tacita u r-rinunzja minn fatt li jissuponi l-abbandun tal-jedd akkwistat (ara d-decizjoni in re* ***Borg vs Testaferrata Bonnici*** *moghtija fl-24 ta' Marzu, 1958);*

25. Ghalxejn jinghad mill-intimat li r-raba eċċezzjoni inghata minghajr preġudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra – ghalkemm strettament ma hemmx dan il-kliem indikat – l-ghaliex fuq dan il-punt, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza citata hawn fuq **Attard Gialanze vs Rizzo et** kompliet tghid hekk:

*"Dwar is-sottomissjoni ta' l-appellati li t-tieni eccezzjoni taghhom saret bla pregudizzju, anke hawn hemm insejament car u cjoe illi, (ara ukoll fost ohrajn id-decizjoni* ***Felice Fenech vs Carmelo Bellia*** *tad-29 ta' Jannar, 1960, moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili);*

*'... xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni in vista tal-principju protestatis contra factum non relevat u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni ...'"*

26. Ghalhekk l-intimat ma jistax jeceppixxi l-preskrizzjoni u imbaghad jghid li l-ammont pretiz huwa eċċessiv u mhux ġustifikat, l-ghaliex b'eghmilu jkun

qieghed jirrinunzja ghal dik l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dan l-insenjament hawn fuq riportat gie ikkonfermat ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Aluminium Limited vs Earli Limited** deċiża fis-16 ta' Frar, 2004. Ghalhekk, it-tielet eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat qeghda tiġi michuda.

27. Jifdal x'tigi deċiża r-raba eċċezzjoni u cioe li l-ammont pretiz huwa eċċessiv u mhux ġustifikat. It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak minnu riportat aktar qabel f'din id-decizjoni u cioe li huwa ma huwiex sodisfatt mill-provi mressqa mir-rikorrenti ghar-rigward tal-hlasijiet li saru qabel Novembru, 2007 u li huwa ma huwiex f'posizzjoni li jasal ghal konvinċiment li dak allegat mir-rikorrenti ghandux mis-sewwa jew le u konsegwentement, sejjer jghaddi biex jichad dik il-parti tat-talba taghha ghar-rigward ta' dak il-perjodu u cioe mill-2003 sa Ottubru, 2007.

28. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 qalet in materja ta' provi li r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*[21].

---

[21] Ara **Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Jannar, 1962 (Kollez. Vol. XLVI/i/5);

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'*[22].

(3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat*;

29. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[23].

30. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ma rnexxielex tipprova a sodisfazzjoni tat-Tribunal li l-intimat kien qieghed ihallas inqas milli dak li kien dovut ihallas l-ghaliex hemm assenza ta' provi u kull ma hemm hija l-kelma ta' wahda kontra l-kelma ta' l-iehor. Ma hemm l-ebda prova ohra li

---

[22] Ara **Joseph Zammit vs Joseph Hili** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Gunju, 1953 (Kollez. Vol. XXXVII/i/577);
[23] Ara **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1912 (Kollez. Vol. XXIV/i/104);

b’xi mod tista xxaqleb l-mizien favur ta’ dak li tghid ir-rikorrenti u konsegwentement, kif diġà inghad, it-Tribunal sejjer jichad l-ewwel parti tat-talba tar-rikorrenti ghal hlas fid-differenza bejn il-manteniment mhallas u dak li suppost kellhu jithallas mehud l-indici ta’ l-gholi tal-hajja bejn il-perjodu 2003 u Ottubru, 2007. Konsegwentement qieghed jilqa din l-eccezzjoni ta’ l-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

i. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel eċċezzjoni l-ghaliex din ġiet irtirata mill-intimat skond ma jirrizulta fil-verbal datat 15 ta’ Lulju, 2013;

ii. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqanqla minnu fit-tielet eċċezzjoni tar-risposta tieghu;

iii. jichad it-tieni eċċezzjoni msemmija fir-risposta tieghu;

iv. Jilqa r-raba eċċezzjoni tieghu in parti;

u konsegwentement, qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ sitt mija hamsa u tletin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta’ euro [€635.39c].

Ghalhekk jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ sitt mija hamsa u tletin euro u disgha u tletin ċenteżmi ta’ euro [€635.39c] bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez, in vista tac-cirkostanzi, jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti mill-intimat u ghar-rimanenti kwart mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------